# Tifkira ta' Mħabba u Devozzjoni

*Diskors mogħti minn Dr Ray Busuttil fil-lejla Mużiko-Letterarja li ttellgħet fil-Bażilika ta' Marija Bambina, L-Isla nhar it-tnax ta' April 1996, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet biex jitfakkar il-75 anniversarju ta' l-inkurunazzjoni tal-istatwa ħelwa ta' Marija Bambina.*

Sur President,
Mistednin distinti,
Ħuti Sengleani

Fl-istorja ta' beltna niltaqgħu ma' diversi ġrajjiet memorabbli li seħħew matul is-snin; iżda is-sena 1921 tista' titqies bħala s-sena li nkitbet b'ittri tad-deheb mill-aktar fin fil-qlub tas-Sengleani kollha. U fost il-ġranet kollha ta' din is-sena nsibu tnejn li huma mnaqqxa b'mod li ma jitħassru qatt. Qiegħed nirreferi għall-jum tat-3 ta' Jannar u dak tal-4 ta' Settembru. Dawn kienu jiem li fihom il-ħeġġa, l-imħabba u d-devozzjoni tas-Sengleani lejn il-Verġni Marija kisbu x-xhieda ta' l-akbar rikonoxximent u l-għola ġieħ li tagħti l-Knisja ta' Ruma.

Ir-rabta tal-qlub tas-Sengleani mal-Madonna tmur lura mijiet ta' snin. Sa mit-twaqqif ta' l-ewwel parroċċa f'din il-belt fl-1581, in-nies ta' l-Isla urew din il-ġibda tagħhom tant li l-ewwel knisja parrokkjali li tlestiet fl-1630 kienet ġiet dedikata lil Marija Bambina taħt it-titlu tal-Vittorja bħala tifkira tar-rebħ fuq il-qawwa musulmana fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Sebgħa u tletin sena wara t-twaqqif ta' l-ewwel parroċċa, fl-1618, skond l-istoriku ta' l-Isla Patri Alessandru Bonnici, waslet fostna b'mod providenzjali l-istatwa hekk għażiża tagħna. Minn dak inhar, l-imħabba u d-devozzjoni tan-nies ta' l-Isla lejn Marija, rappreżentata permezz ta' din l-istatwa ħelwa komplew dejjem jikbru. B'ħidma sħiħa u b'ġenerożità u sagrifiċċji kbar, kemm tal-kleru kif ukoll tal-lajċi, sew l-istatwa u sew it-tempju mibni f'ġieħa, baqgħu jissebbħu bl-aħjar mod possibbli.

Matul is-snin, Marija Bambina wkoll tatna xhieda ta' mħabbitha lejn dan il-poplu tagħha u kisbitlu protezzjoni speċjali f'diversi flaġelli li laqtu lil Malta. Hekk l-istorja tgħidilna, kif bl-interċerssjoni ta' Marija Bambina ttaffiet in-nixfa kbira li kienet ħakmet lil Malta fl-1718 u fl-1730, waqfu t-tempesti tal-biża' li kienu laqtu 'l Malta fl-1757. Iżda forsi l-aktar li tolqot lin-nies ta' l-Isla mill-viċin, kienet il-grazzja li Marija Bambina qalgħet lin-nies ta' l-Isla permezz ta' Binha Ġesù Redentur, meta ħelset lil beltna mill-pesta li laqtet lil Malta fl-1813. Ma nistax ma nsemmix ukoll il-grazzji, favuri u benefiċċji li Marija Bambina matul is-snin, xerrdet fuq dawk li rrikorrew lejha għall-għajnuna u l-ħarsien tagħha, bil-fidi u bit-tama ta' wlied lejn l-Omm ħanina tagħhom.

L-istorja tat-tempju tagħna hija mimlija bi ġranet glorjużi u memorabbli. Insemmi biss:

- l-24 ta' Mejju 1786 meta l-parroċċa ta' l-Isla kienet mogħtija l-ġieħ ta' Kolleġġjata Insinji taħt it-tmexxija ta' l-ewwel Arċipriet tagħha - Dun Salv Bonnici.
- It-30 ta' Mejju 1912 meta l-kapitlu ngħata l-privileġġ li jista' juża l-mazza tal-fidda fil-funzjonijiet liturġiċi.
- L-1 ta' Mejju 1920 meta l-Papa Benedettu XV ta l-approvazzjoni tiegħu għad-digriet ta' l-inkurunazzjoni solenni tal-istatwa ta' Marija Bambina biex b'hekk il-kolleġġjata tagħna saret ukoll Santwarju, u kif diġà semmejt



*Mument waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja tat-12 ta' April 1996*

•It-3 ta' Jannar 1921 meta l-istess Papa għogbu wkoll jgħolli l-knisja tagħna għad-dinjità ta' Bażilika Minuri, u żejjinha bil-privileġġi u d-drittijiet kollha li għandhom il-Bażiliċi Minuri ta' Ruma.

Kien propju b'dan l-isfond ta' storja li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata u n-nies ta' l-Isla taħt it-tmexxija pastorali tal-Arċipriet Adami għamlu talba lill-Arċisqof Dom Mauro Caruana biex ix-xbieha mirakoluża ta' Marija Bambina tiġi inkurunata. L-Arċisqof, meta ra din il-ħeġġa u ħerqa tas-Sengleani, u ra wkoll li l-istatwa ta' Marija Bambina kellha kull ma titlob il-Knisja biex xbieha mirakoluża tiġi nkurunata, ressaq huwa nnifsu s-supplika lill-Kapitlu tal-Vatikan. It-tweġiba minn Ruma, b'għaġeb kbir għal kulħadd, ma dametx ma waslet, u Mons Vassallo, s-segretarju ġenerali tal-Arċisqof, l-ittra tiegħu tal-20 ta' Mejju lill-Arċipriet Adami fisser dan bħala sinjal li l-Verġni Mbierka riedet tħallas lin-nies ta' L-Isla għal imħabba li juruha. Inħoss li ma jirnexxilix insib kliem adattat biżżejjed jekk nipprova niddeskrivi l-ferħ u l-entużjażmu li din il-bxara qajmet fost in-nies ta' l-Isla ta' dak iż-żmien - ferħ u entużjażmu tant kbir, li baqa' jintiret minn ġenerazzjoni ta' Senglejani għal oħra.

Minnufih ġo l-Isla bdiet attività liema bħala sabiex isiru t-tħejjijiet meħtieġa għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa. Inħatar kumitat organizzattiv li beda jfassal il-programm ta' festi. Waqt li kienu qed isiru l-preparamenti għall-festa ta' l-inkurunazzjoni, li kien ġie deċiż li kellha ssir fl-4 ta' Settembru 1921, bl-inizjattiva tal-mibki Dun Goffred Lubrano, fost in-nies ta' l-Isla nxterdet ix-xewqa li l-knisja Kolleġġjata tagħhom tiġi elevata għad-dinjità ta' Bażilika. Fis-27 ta' Settembru tal-1920, sar rikors mill-Kapitlu lill-Arċisqof Caruana biex dan min-naħa tiegħu jressqu lis-Santa Sede. Il-merti li fuqhom kien mibni dan ir-rikors kienu wkoll ibbażati fuq l-istorja sabiħa tal-belt ta' l-Isla u r-rabta tagħha mal-Madonna. Fost dawn insibu:

- li l-knisja parrokkjali hija mibnija bħala monument tar-rebħa fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565.
- li l-Belt għandha t-titlu ta' Invicta għax qatt ma ġiet mirbuħa mill-misilmin.
- li l-knisja kienet ingħatat il-ġieħ ta' Kolleġġjata mill-Papa Piju VI.



*Il-mument ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa ta' Marija Bambina.*

- li hemm devozzjoni kbira lejn l-istatwa tal-Bambina li ġiet l-Isla b'mod meqjus bħala wieħed mirakoluż.
- li din l-istatwa kienet ser tiġi solennement inkurunata, u li dan l-avveniment kabbar iżjed id-devozzjoni tan-nies ta' l-Isla lejn il-Bambina.

Fit-3 ta' Jannar, il-Papa Benedettu XV ħareġ id-digriet li bih il-Knisja tagħna ġiet eretta bħala Bażilika bil-privileġġi kollha li għandhom il-Bażiliċi Minuri ta' Ruma. U hekk bil-għajnuna tal-Bambina t-tieni xewqa tas-senglejani ġiet sodisfatta wkoll.

Il-jum ta' l-4 ta' Settembru wasal. Minbarra d-diversi dinjitarji li kienu mistiedna għall-okkażjoni, is-Sengleani kollha, kemm dawk li kienu joqogħdu fl-Isla u dawk li ma kinux, inġabru fix-xatt biex jassistu għal dan il-mument solenni. U magħhom inġabru wkoll eluf kbar ta' Maltin biex jaraw lill-Arċisqof Dom Mauro Caruana jpoġġi fuq ras l-istatwa ħelwa tal-Bambina, fost id-daqq tal-qniepen tal-knejjes kollha ta' Malta, dik il-kuruna tad-deheb u ġawhar prezzjuż, maħduma minn għotjiet tan-nies tal-Isla. Il-Bambina issa kienet inkurunata Sultana ta' L-Isla u Sultana ta' qlub is-Sengleani kollha, kemm ta' dak iż-żmien kif ukoll ta' ġenerazzjonijiet li ġew wara u li għad iridu jiġu. Kemm ħarġu tassew mill-qalb f'dik il-lejla tal-ġenna, il-kliem tal-poeta nazzjonali fl-innu li kiteb għall-okkażjoni: "Issa ntemmet ix-xewqa ta' Qalbna, bil-kuruna fuq rasek rajnik."

U l-4 ta' Settembru għadu sa llum jum marbut mal-qlub tas-senglejani kollha. Huwa tabilħaqq xieraq li dan il-jum tant għażiż baqa' jiġi mfakkar sena wara l-oħra. Nhar l-4 ta' Settembru, kull senglejan minn kull rokna ta' Malta, jiġi ġewwa dan is-santwarju sabiex jiċċelebra flimkien ma ħutu l-anniversarju tal-inkurunazzjoni ta' ommu sultana. Hekk ilu jiġri sena wara l-oħra mill-1921.

Fl-anniversarji speċjali, din l-okkażjoni tiġi mfakkra b'mod aktar solenni u grandjuż. F'għeluq l-ewwel ħamsa u għoxrin sena, l-Arċipriet Brincat ma seta' jorganizza ebda ċelebrazzjoni speċjali minħabba l-fatt li kienet għadha kif intemmet il-gwerra. L-Isla kienet għadha ħerba, is-santwarju tal-Bambina kien imġarraf u beltna kienet kważi battala. Iżda bħala tifkira, f'dik is-sena, il-Kanonku Dun Franġisk Abela, kiteb u ppublika ktieb żgħir fuq l-istorja tal-Bambina u l-istorja tal-inkurunazzjoni tagħha bħala, kif jgħid huwa stess fil-ktieb, tifkira taċ-ċelebrazzjonijiet staordinarji li saru fl-Isla fl-1921.

Imbagħad f'egħluq il-ħamsin sena, taħt it-tmexxija tal-mibki Arċipriet Sladden, poġġejna f'riġlejn il-Bambina warda ta' mħabba u għożża, warda tad-deheb, li bħall-kuruna ta' fuq rasHa ġiet maħduma

mill-għotjiet tagħna, u għalhekk tirrappreżenta l-qlub tas-senglejani kollha. Permezz ta' din il-warda mqiegħda f'riġlejn il-Bambina mill-Kardinal Giacomo Lercaro, aħna lkoll ġeddidna l-għożża u l-imħabba tagħna lejn il-Bambina li konna writna minn għand missirijietna.

Din is-sena qegħdin niċċelebraw il-ħamsa u sebgħin anniversarju ta' din l-inkurunazzjoni. Bħal ma ġara fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' anniversarji oħra, inħatar kumitat organiżżattiv biex iħejji l-festi għal din l-okkażjoni. Din is-serata tal-lejla hija propju waħda mill-attivitajiet li dan il-Kumitat taħt it-tmexxija entużjasta tal-Arċipriet, il-Kanoniku Dun Vincenz Cachia qed jorganizza ġieħ lis-Sultana tagħna permezz ta' xogħlijiet ta' mużika u poeżija li nkitbu f'ġieħha.

U fl-isfond tal-istorja li rreferejt għaliha fil-qosor, huwa tabilħaqq xieraq li din is-serata qiegħda ssir f'dan it-tempju, santwarju, Bażilika li tagħha wkoll qegħdin niċċelebraw il-ħamsa u sebgħin anniversarju. Din il-lejla, minbarra li tagħti ġieħ lil ommna Marija Bambina, għandha tfakkarna fil-ħeġġa li wrew, u fis-sagrifiċċji li għamlu missirijietna biex bnew u żejnu dan it-tempju, xewqa u ħeġġa li għadha magħna sa llum. Ħarsa 'l fuq u madwarna hija xiehda ta' dan.

Bil-preżenza tagħna hawn il-lejla, f'isimna u f'isem dawk ħutna li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux ikunu hawn magħna, irridu npoġġu fil-prattika dak li kiteb il-poeta Dun Karm Psaila fl-innu li niseġ għall-festa ta' l-4 ta' Settembru 1921.

Irridu:

• nroddulha ħajr għall-imħabba kbira li Hi wriet magħna matul is-snin li għaddew u nwegħduHa l-imħabba tagħna għaż-żmien li ġej

*Int ħabbejtna ja tfajla tas-sema*
*Imħabbitna, O Rebbieħa tajnik*

• nroddulha ħajr ukoll għal kemm-il darba Hi għoġobha tieqaf magħna fil-ħtiġijiet materjali u spiritwali tagħna,

*fit-taqbida mal-faħxi maż-żieni*
*f'widnejn ħutna titkellem smajnik*

• infakkru u nroddu ħajr lil dawk ħutna li matul is-snin bnew din id-devozzjoni lejn il-Bambina u ħallewlna dan il-wirt tant għażiż,

*fuq il-qabar ta' ħutna li xehdu*
*tal-ġieħ tagħna għassiesa qegħ'dnik*

• nfakkru u nġeddu l-imħabba, l-għożża u l-lejaltà tagħna s-senglejani lejn ommna Marija Bambina.

*Inti ħelwa, int Sabiħa, Int ħanina*
*Għalhekk b'ommna, int taf, għażilnik*

• nitolbuHa żżomm idejHa

fuq il-knisja sabiex tibqa' sħiħa,
fuq Malta tagħna biex tibqa' żżomm u tgħożż il-valuri nsara,
fuq il-familji tagħna biex jibqgħu magħqudin fl-imħabba,
fuq iż-żgħażagħ u t-tfal tagħna, sabiex tagħtihom is-saħħa biex ma jaqgħux għall-vizzjijiet qerrieda li hawn fis-soċjetà tagħna llum, u tagħtihom id-dehen biex jirrikorru lejha fid-diffikultajiet tagħhom,
u fuqna lkoll sabiex nibqgħu ngħożżu il-valuri nsara tagħna, nkattru l-imħabba u d-devozzjoni tagħna lejha, u nagħarfu ngħadduhom lil uliedna bħal ma għaddewhom lilna missirijietna.

*Minn kull ħażen li jisraq il-paċi,*
*J'Omm ħarisna, hekk dejjem tlabnik*

Dan huwa s-sinjifikat ta' din il-lejla. Hija kommemorazzjoni u fl-istess ħin okkażjoni li fiha nġeddu l-għożża, l-imħabba, id-devozzjoni u l-qima tagħna lejn Marija Bambina. Il-versi ta' mużika minsuġin minn ħutna senglejani rridu li jservu bħala messaġġ u stqarrija, messaġġ u stqarrija li niseġ, mhux f'noti ta' mużika iżda f'innu tant għal qalbna lkoll, il-qatt minsi Isqof Senglean Emanuel Galea:

*O Marija, fuq rasek kuruna*
*Bħala sinjal ta' sultana tajnik*
*U kull wieħed hawn jaħlef quddiemek*
*Li sal-mewt irid jibqa' jservik.*

VIVA MARIA BAMBINA